**KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 25 ta' Novembru 2011 (28.11) (OR. en)**

**17520/11**

**LIMITE**

**FISC 148**

PUBLIC

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)<br>- Rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill<br>- Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill |

1. Fil-laqgħa tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) tas-16 ta' Novembru 2011 id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar ir-rapport tal-Grupp lill-Kunsill (ECOFIN) kif jinsab fid-dok. 17081/11 FISC 144 u l-Pakkett ta' Ħidma tal-2011 kif jinsab fil-Annes għar-rapport.

2. Sussegwentement il-President tal-Grupp ippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li ġej:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi matul il-Presidenza Pollakka kif imniżżel fir-rapport tiegħu (dok. 17081/11 FISC 144);

- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-pass lura (rollback);

- japprova l-Pakkett ta' Ħidma tal-2011 tal-Grupp dwar il-Kodiċi kif imniżżel fl-Anness għad-dok. 17081/11 FISC 144 u jitlob lill-Grupp biex jibda l-ħidma fuq dan il-Pakkett ta' Ħidma matul il-Presidenza Daniża;

[- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli bid-diskussjonijiet mal-pajjiżi terzi kif imniżżel fir-rapport tal-Grupp u biex iżżomm lill-Grupp regolarment informat dwar il-progress;]

- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Daniża jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

3. Il-Kumitat tar-Rappreżenanti Permanenti ddiskuta l-kwistjoni fit-23 ta' Novembru 2011. Waħda mid-delegazzjonijiet indikat li f'dan l-istadju xtaqet iżżomm riżerva dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet rigward it-test f'parentesi.

4. Il-Kunsill huwa mistieden biex jaqbel u jadotta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq.